6 ta' Frar, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Neg. John Coleiro ne. *versus* Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne. et. (*)

**Impunjazzjoni ta' Liġi — Terminu — Dekadenza — Nullità — Ġudikat — Att XIV ta' l-1950 — Art. 22 u 39 tal-Malta Constitution Letters Patent ta' l-1947.**

*Skond l-art. 39 tal-Malta Constitution Letters Patent ta' l-1947, ma tistax liġi attakkata bħala nulla liġi magħmula taħt is-sezzjoni 2x ta' dawk il-Letters Patent, jekk tkun għaddiet sena mill-jum li fih dik il-liġi tkun daħlet in vigore.*

*Dak it-terminu ta' sena huwa mpost mill-Letters Patent, u għalhekk huwa liġi; u ma jistax jiġi mibdul jew newtralizzat mill-Qorti. B'mod li kull terminu li tagħti l-Qorti lil min irid jimpunja l-liġi biex jiddeduċi l-azzjoni appożita għandu jiftiehem dejjem mogħti fil-limiti taż-żmien stabbilit mill-liġi. Għax dan huwa terminu ta' dekadenza, u mhux terminu ġudizzjarju prorogabili għal kawża ġusta.*

*Ma jistax, f'kawża, jiġi nvokat bħala ostativ għat-talba ġudikat li ġà*

*kien hemm bejn il-partijiet f'kawża oħra preċedenti, jekk il-punt sollevat fit-tieni kawża ma hux kopert mis-sentenza preċedenti, u tanqas kien hemm lok li jiġi sollevat fil-kawża ta' qabel.*

*Jekk fil-ġudizzju ta' qabel kienet ġiet sollevata l-kwistjoni tal-validità jew le ta' liġi, u l-Qorti kien dehrilha illi kien aħjar li l-kwistjoni tiġi diskussa fuq azzjoni "ad hoc", u tkun tat żmien għad-deduzzjoni ta' dik l-azzjoni meta t-terminu ta' sena għall-impunjazzjoni tal-validità ta' dik il-liġi kien għadu miexi, u dik l-azzjoni tiġi proposta fit-terminu hekk mogħti mill-Qorti, ma hemmx dekadenza mid-dritt li wieħed jimpunja dik il-liġi billi l-azzjoni, għalkemm eżerċitata meta t-terminu mogħti mill-Qorti kien għadu miexi, tkun ġiet proposta wara li tkun għaddiet is-sena preskritta mill-liġi biex wieħed jista' jagħmel dik l-impunjattiva.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla, li biha, wara li ppremetta li b'deċiżjoni ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1951 ġie mogħti lill-attur iż-żmien ta' xahar mill-5 ta' Ottubru 1951, fil-kawża fl-ismijiet "John Coleiro nomine vs. Frank Agius nomine et.", biex jimpunja l-validità ta' l-Att XIV ta' l-1950; u billi dan l-Att huwa null, għaliex, kuntrarjament għad-Dritt Naturali, jes-proprja lill-attur mill-proprjetà tad-depożitu minnu magħmul f'idejn il-Kollettur tad-Dwana in segwitu għall-Proklama III ta' l-1950, mingħajr kompensazzjoni, billi huwa nieqes mir-rekwiżiti sostanzjali u formali għall-validità tiegħu, in kwantu ġie votat mill-membri tal-Parlament fuq informazzjonijiet mhux veritjeri u mingħajr, kif ikkonfessaw huma stess, ma kienu qegħdin jifhmu l-effett tiegħu, u mħabba illi l-Assemblea ma kienetx komposta minn erbgħin membru, u difetti ta' proċedura; billi dak l-Att huwa kuntrarju għas-sezzjoni 36 tal-Kostituzzjoni ta' l-1947; u billi kienet ġiet inoltrata l-imsemmija kawża, illi kienet "sub judice", l-Att jinvadi l-funzjonijiet proprji ta' l-Awtorità Ġudizzjarja; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi Att numru XIV ta' l-1950 huwa null u ta' ebda

---

(*) B'digriet tas-16 ta' Marzu 1953 ġie mogħti lill-konvenuti nomine l-permess kondizzjonali, u b'digriet tad-19 ta' Ġunju 1953 ġie lilhom mogħti l-permess finali, biex jagħmlu appell minn din is-sentenza quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat.

effett ġuridiku għar-raġunijiet imsemmija u għal kwalunkwe oħra li tirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; u mingħajr preġudizzju ta' l-imsemmija domanda, u fil-każ ta' infeliċi eżitu tagħha, billi l-effetti tal-Proklama III ta' l-1950 spiċċaw għal kollox malli l-Assemblea Leġislativa ġiet xjolta, u għalhekk id-depożiti illi saru mid-ditta attriċi wara x-xoljiment ta' l-Assemblea saru u ġew aċċettati bi żball, u għalhekk ma kienux mitlubin u miġburin mill-Kollettur tad-Dwana skond il-Proklama numru III ta' l-1950, jiġi dikjarat u deċiż illi d-depożiti magħmula mid-ditta attriċi minn wara x-xoljiment ta' l-Assembela Leġislativa sa l-24 ta' Settembru 1950 ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att numru XIV ta' l-1950. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, fejn issottomettew (1) li t-talba għad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-Att nru. XIV ta' l-1950 hija perenta taħt l-art. 39 tal-Malta (Constitution) Letters Patent 1947; (2) li fi kwalunkwe każ, l-istess talba hija manifestament infondata fil-liġi, billi ebda waħda mir-raġunijiet allegati fiċ-ċitazzjoni, anki suppost li huma veri, ma tista' taffettwa l-validità ta' l-imsemmi Att; (3) li ebda waħda mill-imsemmijin raġunijiet ma hi bażata fil-fatt; u (4) li dwar it-tieni domanda, din hi, jekk qatt, anqas fondata mill-oħra, meta wieħed iqis it-termini ċari u kategoriċi tal-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Ottubru 1952, li biha akkoljiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement irrespinġiet l-ewwel domanda ta' l-attur, u ordnat li l-ispejjeż, minħabba d-delikatezza tal-kwistjoni nvoluta, jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur, u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha fuq id-domandi l-oħra għall-udjenza tal-21 ta' Novembru 1952; billi dik il-Qorti kkunsidrat, dwar il-perenzjoni ta' l-azzjoni eċċepita mill-konvenuti;

Illi skond is-sezzjoni 39 tal-Malta Constitution Letters Patent, "is-siwi ta' xi liġi magħmula taħt l-artikolu 22 ta' dawn il-Letters Patent, jew ta' xi dispożizzjonijiet ta' xi liġi bħal dik, ma għandu jitqanqal f'ebda proċediment legali li jibda wara li tagħlaq sena mid-data li fiha l-liġi tibda taħdem, ħlief fuq ir-raġuni illi l-liġi, jew dispożizzjoni, kif jaħbat, tirrigwarda

xi materja li dwarha l-Assemblea ma għandhiex is-setgħa li tagħmel liġijiet";

Ma jidherx li hemm kwistjoni li l-Att XIV ta' l-1950 sar mill-Assemblea Leġislativa fil-kompetenza tagħha, u li dak l-Att daħal in vigore fit-18 ta' Ottubru 1950 bl-assens ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur;

Illi l-konvenuti ssottomettew li dak l-Att ġie mpunjat biss biċ-ċitazzjoni odjerna, preżentata fid-29 ta' Ottubru 1951, jiġifieri wara li għalqet is-sena mogħtija mill-Kostituzzjoni għal dan l-iskop, u konsegwentement l-azzjoni ta' l-attur tinsab perenta;

Illi, però, l-attur jippretendi li d-dritt għal dina l-impunjativa għadu jseħħ, peress li fil-kawża l-oħra (il-lum rimessa "sine die") hu kien issolleva l-kwistjoni tan-nullità ta' l-imsemmija liġi, u dik il-kawża għandha titqies bħala ħaġa waħda mal-kawża odjerna;

Illi, peress li ebda verbal ma nżamm f'dik il-kawża dwar dana l-inċident, hu xieraq li wieħed jirrikorri għal dak li qalet dina l-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru 1951. Fiha ntqal li l-attur issottometta li kwalunkwe dispożizzjoni ta' dik il-liġi ma hija ta' ebda effett, għaliex dik l-istess liġi mhix valida, u konsegwentement talab li jiġi lilu mogħti żmien biex jagħmel azzjoni "ad hoc", ħalli dik il-liġi tiġi dikjarata nulla. Il-konvenuti, min-naħa tagħhom, irrilevaw "li ma hemm ebda raġuni għaliex għandha ssir l-azzjoni mitluba mill-attur, u l-kwistjoni jekk il-liġi hix valida jew le tista' tiġi deċiża f'din l-istess kawża". Il-Qorti mbagħad irrilevat li "għad li dina l-kwistjoni tista' wkoll tiġi diskussa u definita f'dina l-istanza, minħabba d-delikatezza tagħha jidher li jkun aħjar li l-istess kwistjoni tiġi trattata b'azzjoni separata u fuq meritu għaliha"; u għalhekk ordnat is-soprasessjoni f'dik il-kawża u tat lill-attur xahar żmien biex, jekk jidhirlu, jiddeduċi l-azzjoni ta' impunjazzjoni minnu msemmija quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi l-kawża preċedenti ma tistax titqies, kif jippretendi l-attur, bħala ħaġa waħda mal-kawża odjerna;

1. Għaliex, apparti l-fatt li l-kontendenti mhumiex l-istess, hu żgur li l-oġġett taż-żewġ kawżi huwa għal kollox differenti. Difatti, mentri fl-ewwel kawża l-attur talab ir-

restituzzjoni ta' depożiti ta' flus minnu effettwati f'idejn il-Kollettur tad-Dwana, fil-kawża odjerna qiegħed jitlob li l-Att fuq imsemmi jiġi dikjarat null u ta' ebda effett ġuridiku, u subordinatament li jkun deċiż li dawk id-depożiti ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att;

2. Għaliex fil-kawża preċedenti, għad li ġiet aċċennata mill-attur l-intenzjoni tiegħu li jimpunja dak l-Att, hu ma impunjahx effettivament, u llimita ruħu jitlob żmien biex jimpunjah b'azzjoni separata; u dana qiegħed jagħmlu biss fil-kawża odjerna;

3. Għaliex iż-żmien utili, meta saret effettivament dina l-impunjativa, kien ġa għalaq, u l-eżistenza tal-kawża l-oħra ma tistax tinfluwixxi bl-ebda mod fuq id-dekorriment ta' dak iż-żmien, peress li si tratta ta' terminu ta' dekadenza, skond il-kriterji fissati mid-dottrina u mill-ġurisprudenza. Kif, difatti, rriteniet il-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawża "Sammut vs. Notaro Pellegrini Petit", deċiża fl-10 ta' Jannar 1920, "quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicchè di prescrizione, è termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe più ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in ciò che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratti di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si tratterà di una decadenza" (Kollez. XXIV-I-276). Skond Giorgi, imbagħad, "quando la disposizione che assegna un termine per l'esperimento di un diritto, non sia collocata nel titolo della prescrizione, e non dica esplicitamente che è una prescrizione, sarà da ritenersi il carattere di decadenza piuttosto che quello di prescrizione" (Obbligaz. Vol. VIII, p. 225, paġ. 371); liema prinċipju ġie adottat anki minn dina l-Qorti (Kollez. XXIX—II—976);

Kriterju ieħor, fl-aħħarnett, jista' jittieħed mill-fondament tad-dispożizzjoni; għaliex jekk dina tkun saret għal motiv ta' interess publiku, ma tistax tkun preskrizzjoni, imma dekadenza;

Illi meta wieħed japplika dawn l-kriterji għall-klawsola 39 fuq ċitata, isib li ż-żmien fiha kontemplat huwa dekadenza, b'mod li għalih isiru inapplikabili r-regoli tal-preskriz-

zjoni, speċjalment rigward il-kawżi li jimpedixxu, jinterrompu, jew jissospendu d-dekorriment ta' dak iż-żmien. Difatti l-preskrizzjoni hija bażata fuq il-preżunta negligenza tal-kreditur, mentri d-dekadenza tipprexindi minn dik in-negligenza (Giorgi, op. ċit., p. 225, paġ. 369, u Kollez. XXV—II—391); u dana sal-pont li lanqas hija ammessa rinunzja preventiva għall-eċċezzjoni tad-dekadenza (Troplong, Prescrizione, p. 48); u fil-każ tagħna, rinunzja għal din l-eċċezzjoni hija inammissibili, peress li tolqot dritt li l-awtorità qiegħda teżerċita "jure imperii" (Kollez. Vol. XXXI—I—398);

Illi xejn ma jiswa li bis-sentenza fuq riferita tal-5 ta' Ottubru 1951 ġie mogħti lill-attur xahar żmien biex jimpunja l-liġi, u li l-kawża saret f'dak iż-żmien; għaliex ladarba kien fadal bis-sittax-il ġurnata biex tagħlaq is-sena statutorja, għandu neċessarjament jiftiehem li dak ix-xahar ġie mogħti lill-attur bħala maximum, bid-dmir dejjem ta' l-istess attur li juniforma ruħu mal-liġi; diversament tkun tista' tiġi eluża l-liġi, li ma tippermettix lanqas lill-Awtorità Ġudizzjarja li ġġedded it-termini meta dawna jkunu perentorji, bħal ma hu l-każ tagħna (art. 103 (1) Proċedura Ċivili);

Illi lanqas jista' jingħad, kif jippretendi l-attur, li l-imsemmija sentenza tal-5 ta' Ottubru 1951 tifforma stat quddiem il-konvenuti, u li dawn ma jistgħux imorru kontra tagħha; għaliex, apparti jekk jirrikorrux l-elementi tar-"res judicata", dik is-sentenza ma tistax torbothom sal-pont li ttellifhom id-dritt (li sa dak in-nhar kien għadu ma twelidx, peress li s-sena għall-impunjattiva ma kienetx laħqet għaddiet) li jeċċepixxu l-perenzjoni ta' l-azzjoni wara li dak iż-żmien ikun għadda;

Rat, fol. 22, in-nota ta' l-appell ta' l-attur nomine, u l-petizzjoni tiegħu, fol. 24, li fiha talab ir-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel istanza u li jiġi deċiż għat-tenur tad-domanda ta' l-attur nomine;

*Omissis;*

Trattat l-appell, ikkunsidrat;

Biex tiftiehem aħjar il-kwistjoni devoluta b'dan l-appell għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, huwa xieraq li jiġu rikapitolati l-proċeduri anteċedenti li taw lok għaliha;

Fit-12 ta' Ottubru 1950 l-attur nomine ppreżenta ċitazzjoni kontra l-Kollettur tad-Dwana, il-Ministru tal-Kummerċ, il-Ministru tal-Finanzi, u t-Teżorier tal-Gvern, u talab ir-restituzzjoni tas-somma ta' £15,201. 0. 6, bl-imgħaxijiet, rappreżentanti din is-somma depożiti ta' dazji magħmulin mid-ditta attriċi f'idejn il-konvenut f'dik iċ-ċitazzjoni, ċjoè l-Kollettur tad-Dwana; liema talba l-attur nomine ibbażaha fuq il-premessa illi, għalkemm l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur kien ħareġ fil-25 ta' Mejju 1950 Proklama skond il-Kap. 99 tal-Liġijiet ta' Malta, li biha xandar illi l-Ministru *tal-Finanzi ta avviż tal-liġi biex jiġu awmentati d-dazji* ta' importazzjoni, eppure dak l-abbozz ta' liġi ma għaddiex, għax spiċċa fix-xejn billi l-Assemblea Leġislativa ġiet xjolta. Intant id-ditta attriċi kienet laħqet iddepożitat is-somma fuq imsemmija, korrispondenti għall-propost awment ta' dazji. Kontra dik it-talba l-konvenuti nomine kienu opponew żewġ eċċezzjonijiet — waħda illi t-talba ta' l-attur ma setgħetx treġi, għaliex il-flus in kwistjoni ma kienux ta' l-attur, iżda tal-publiku; u l-oħra li fi kwalunkwe każ l-azzjoni kienet tinsab perenta mil-liġi, ċjoè l-Att XIV ta' l-1950; infatti fit-tieni subartikolu tat-tieni artikolu ta' dan l-Att l-approprjazzjoni *tad-dazji ġiet mogħtija effett non ostanti proċeduri ġudizzjarji* mibdijin minn xi interessat qabel l-Att. Konfrontat b'din l-eċċezzjoni tal-perenzjoni, li, jekk sostnuta, kienet tiskalza l-azzjoni "a planta pedis", l-attur nomine ikkontrobatta billi qal li kwalunkwe dispożizzjoni ta' l-Att fuq imsemmi (XIV ta' l-1950) kienet nulla. Jekk l-Att kien null, allura, s'intendi, l-azzjoni ta' l-attur nomine ma kienetx tkun perenta bis-saħħa ta' l-artikolu fuq ċitat;

Il-Qorti Ċivili (Prim'Awla), bid-deċiżjoni tagħha tal-5 ta' Ottubru 1951, issopprassediet u pprefiġġiet lill-attur nomine xahar żmien biex, jekk jidhirlu, jiddeduċi b'azzjoni l-impunjazzjoni minnu msemmija;

Niġu issa għall-kawża odjerna. L-attur nomine, biċ-ċitazzjoni preżentata fid-29 ta' Ottubru 1951, kontra l-Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern, kontra l-Kollettur tad-Dwana u t-Teżorier, talab, għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni odjerna, fuq indikati, dikjarazzjoni li l-Att fuq imsemmi (XIV ta' l-1950) huwa null, u f'każ ta' eżitu infeliċi ta'

din l-ewwel domanda; talab li d-depożiti li saru mid-ditta attriċi, kwara x-xoljiment ta' l-Assemblea Leġislativa, ma jaqgħux għar-raġunijiet minnu allegati, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att;

Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, fuq miġjuba, il-konvenuti nomine eċċepew, "inter alia", illi t-talba għad-dikjarazzjoni tan-nullità ta' l-Att XIV ta' l-1950 hija perenta taħt l-art. 39 tal-Malta (Constitution) Letters Patent, 1947;

L-Ewwel Qorti, kif ingħad, laqgħet din l-eċċezzjoni tal-konvenuti nomine. Dan hu issa l-pont devolut għad-deċiżjoni ta' din il-*Qorti*, jekk, ċjoè, l-azzjoni ta' l-attur, f'dik il-parti tagħha li biha qiegħda tiġi attakkata l-validità ta' l-Att numru XIV ta' l-1950, hijiex perenta minħabba l-art. 39 tal-Karta Kostituzzjonali;

Dan l-artikolu jgħid hekk:— "The validity of any law made under section 22 of these Letters Patent, or of any provision of any such law, shall not be questioned in any legal proceedings commenced after the expiration of one year from the date on which the law comes into operation......";

Il-konvenuti nomine jgħidu illi, peress li l-Att XIV ta' l-1950 daħal in vigore fit-18 ta' Ottubru 1950, u peress li ċ-ċitazzjoni odjerna giet preżentata fid-29 ta' Ottubru 1951, għalhekk, bl-għeluq tas-sena msemmija fl-art. 39 tal-Kostituzzjoni, l-azzjoni ġiet mitmuma;

Mid-dibattitu u mill-iskritturi jidher li l-attur nomine, biex jirribatti din l-eċċezzjoni, qiegħed jissolleva dawn il-punti:—

1. Il-kwistjoni tan-nullità ġiet imqanqla "a tempo", għaliex ġiet imqanqla fil-kawża l-oħra, fuq imsemmija, "Cofeiro ne. vs. Agius ne.";

2. Bid-deċiżjoni tagħha tal-5 ta' Ottubru 1951, il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) tat lill-attur nomine xahar żmien minn dik id-data; u hu ddeduċa f'dak iż-żmien;

3. Dik id-deċiżjoni għaddiet f'ġudikat bejn il-partijiet, li huma verament l-istess, u għalhekk il-konvenuti odjerni huma prekluzi bil-ġudikat milli jissollevaw l-eċċezzjoni li l-azzjoni hi perenta, ġa ladarba l-attur nomine iddeduċa fiż-żmien stabbilit b'dak il-ġudikat;

Għal raġunijiet ta' konvenjenza, l-ewwel pont sejjer jiġi investit l-aħħar;

Kwantu għat-tieni pont, il-Qorti tirritjenih insostenibili; għaliex il-limiti tas-sena impost fil-Letters Patent huwa liġi, u l-Qrati ma jistgħux ibiddluh u jinnewtralizzaw l-istess liġi. Loġikament għandu jiġi rilevat li l-Qorti tat xahar żmien, dejjem kwante volte dak iż-żmien minnha mogħti kien fil-limiti taż-żmien stabbilit mil-liġi bħala dekadenza f'materja ta' ordni pubbliku, bħal ma hija l-istabilità tal-liġijiet. Dan ma kienx il-każ ta' terminu ġudizzjarju proragibbli għal kawża ġusta, imma terminu ta' dekadenza stabbilit b'liġi;

Kwantu għat-tielet pont, anki dan ma hux sostenibili. Apparti kull kwistjoni dwar jekk jirrikorrux ir-rekwiżiti ta' l-"eaedem personae", jew dak ta' l-"eadem res", jew l-ieħor ta' l-"eadem causa petendi", hu ċert, anki jekk wieħed irid jallarga l-forza tal-ġudikat in bażi għall-massima "tantum judicatum quantum disputatum", illi dan il-pont partikulari, jekk, ċjoè, l-azzjoni tan-nullità ta' l-Att XIV ta' l-1950 kienetx perenta in bażi għall-art. 39 tal-Kostituzzjoni huwa pont ġdid li ma ġiex sollevat f'dik il-kawża l-oħra, li fiha kien hemm dik id-deċiżjoni, u li, stante dik id-deċiżjoni, jew aħjar stante l-*inċident* minnha provdut, ma kienx hemm lok li jiġi sollevat f'dik il-kawża. Għalhekk ma jistax ikun hemm ġudikat li josta għall-eċċezzjoni tal-perenzjoni issa sollevata mill-konvenuti nomine. U jingħad li ma jistax ikun hemm ġudikat ostativ, għaliex il-ġudikat ma jistax ikopri pont li ma ġiex sollevat, u li ma kienx hemm lok li jiġi allura sollevat;

Il-veru "punctum saliens" huwa dak involut fl-ewwel pont. Biex dan jiġi riżolut, jeħtieġ l-ewwelnett li jiġi stabbilit is-sinifikat tal-kelma "questioned" fil-frażi "shall not be questioned in any legal proceedings", li hemm fl-art. 39 tal-Letters Patent;

Din l-espressjoni ma hijiex proprja tat-terminoloġija legali fid-Dritt Statutorju Malti; għaliex fil-Kodiċijiet Maltin, mela jiġi statwit terminu ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza, il-lokuzzjoni hija diversa minn dik ta' l-art. 39 fuq imsemmi, bħal ma wieħed jista' jara mill-eżami, per eżempju, ta' l-artikoli 571, 572, 1070, 1481, 1550, 2258, u oħrajn tal-

Kodići Civili, Kap. 23. Għalhekk ebda sussidju għall-preċiżazzjoni tas-sinifikat tal-kelma "questioned" fil-frażi "shall not be questioned in any legal proceedings" ma jista' jittieħed mill-frażeoloġija legali maltija, almenu minn dik użata fil-"basic Codes" maltin;

Del resto, dan ma hux il-każ ta' interpretazzjoni estensiva. Infatti l-art. 39, fil-waqt li qiegħed jeżimi minn impunjazzjoni l-liġijiet wara l-għeluq tas-sena, qiegħed ukoll jirrestrinġi għal dak iż-żmien il-jedd taċ-ċittadin li jfittex xi dritt li jaħseb li hu intitolat għalih, billi jattakka l-liġi fil-validità tagħha. Għalhekk in-natura limitativa tal-liġi ġġib li l-interpretazzjoni tagħha għandha tkun, mhux estensiva, imma letterali (ara Prim'Awla, "Axisa vs. Gatt", 7 ta' April 1902);

Fis-sistema ġuridiku Ingliż, invece, il-kelma "question", kif ukoll dik simili "dispute", tirrikorri f'diversi liġijiet. Fil-Wharton's "Law Lexicon", il-kelma "question", bħala verb attiv, hi kompriża fit-terminoloġija miġjuba f'dak il-ktieb, u spjegata hekk "to impugn". In kwantu għad-deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi, ma jidherx faċili li wieħed isib deċiżjoni proprju "ad hoc"; imma jekk wieħed jirriskontra xi deċiżjonijiet dwar liġijiet fejn tirrkorri l-frażi "if any question arises..........", jew "in case of any dispute arising.........", isib illi "question" jew "dispute" ifissru "contention". Hemm "question" jew "dispute" meta jkun hemm "contention", ossija meta jkun hemm "difference of opinion" formalment sollevata fi proċeduri ġudizzjarji; hemm "dispute" meta hemm "matters in difference", meta jkun hemm "proposition made by one party and rejected by the other" (ara każijiet ċitati, "passim", mill-Burrows, "Words and Phrases Judicially Defined", taħt "Dispute" u taħt "Question"). Wieħed jista' jżid illi, fit-test malti tal-Letters Patent, jingħad "is-siwi ta' xi liġi......... ma għandux jitqanqal.........";

Issa, minn dan li ngħad jidher ċar illi fil-kawża "Coleiro vs. Agius" fuq riferita, l-attur nomine kien qanqal is-siwi ta' l-Att XIV ta' l-1950; jidher ċar, ċjoè, illi s-siwi kien qed jiġi

"questioned". kien qed jiġi disputat, illi kien hemm kontestazzjoni ("contention") dwar il-validità jew le tal-liġi, illi kien hemm differenza ta' opinjoni bejn l-attur nomine, li kien qed jattakka l-liġi b'nullità, u l-Gvern, li kien qed isostni l-validità tagħha; illi wieħed mill-kontendenti kien qed jifformula "proposition" (dik ta' l-invalidità), liema "proposition" il-kontendent l-ieħor kien qiegħed jirrespinġi;

Id-difensur tal-Kuruna ssottometta fid-dibattitu orali li l-kwistjoni ssemmiet biss f'dik il-kawża. Din l-asserzjoni hija assolutament bla bażi. Għalkemm fil-kawża "Coleiro vs. Agius", għal xi raġuni jew oħra, u pjuttost kontra dak li jsir is-soltu, ma tniżżel ebda verbal propriju "ad hoc", ċjò non ostante jirriżulta ad eżuberanza minn partijiet oħra ta' l-inkartament illi l-kwistjoni ġiet formalment sollevata, u mhux biss imsemmija. Infatti, propriju fl-ewwel seduta, tal-11 ta' Novembru 1950 (ara fol. 30 ta' dak l-inkartament), l-attur nomine, sabiex jikkumbatti l-eċċezzjoni li l-azzjoni allura minnu eżerċitata kienet perenta bit-tieni subartikolu tat-tieni artikolu ta' l-Att XIV ta' l-1950, issolleva l-punt tan-nullità ta' dak l-Att. Dan jidher mhux biss mill-verbal fol. 30, fejn jingħad "din il-kawża tibqa' għall-25 ta' Novembru 1950 għal provvediment" (u x'kien dan il-provvediment jirriżulta mit-tenur ta' dak li ġie effettivament mogħti in segwitu), imma jidher ukoll mill-istess rikors magħmul mill-Kuruna f'dik il-kawża, fl-intervall tad-differiment, fejn appuntu jingħad li l-attur nomine kien allega n-nullità ta' l-Att. Għal raġunijiet leġittimi diversi dik il-kawża baqgħet differita diversi drabi, dejjem għal provvediment; anzi l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju 1951 hu aktar illuminanti, għax jgħid "għad-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari"— kliem li ma jistgħux ħlief juru li l-kwistjoni kienet ġiet mhux biss imsemmija, kif qed jippretendi d-difensur tal-Kuruna, imma formalment sollevata;

Sa hawn kien ikun biżżejjed; imma hemm anki aktar, għaliex fid-deċiżjoni, li in segwitu tat il-Prim'Awla (5 ta' Ottubru 1951), il-ġudikant qal appuntu dawn il-kliem: "Illi in segwitu għat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, dik jiġifieri li l-azzjoni ta' l-attur tinsab il-lum perenta mill-istess liġi, Att XIV ta' l-1950, l-attur issottometta li kwalunkwe

dispożizzjoni ta' dik il-liġi ma hija ta' ebda effett, għaliex dik l-istess liġi ma hijiex valida........"—kliem li ma jħallu lok għal ebda dubju li l-attur nomine kien qanqal il-punt tas-siwi tal-liġi skond l-art. 39 tal-Letters Patent;

Għandu jingħad illi l-fatt li sa dak iż-żmien l-attur nomine kien issolleva l-inċident tan-nullità bħala kontra-eċċezzjoni ma jneħħi xejn mill-effikaċja ta' l-impunjazzjoni għall-finijiet ta' l-art. 39 tal-Letters Patent, għaliex l-impunjazzjoni kienet l-istess qed issir fil-proċeduri legali, u għaliex fis-sistema malti l-impunjazzjoni tista' ssir b'eċċezzjoni, salv li l-Qorti tissoprassjedi, jekk jidhrilha li jkun aħjar jekk issir azzjoni "ad hoc" (ara b'analoġija art. 755 Kap. 15, u art. 1270 Kap. 23 Ediz. Riveduta);

Diffiċilment wieħed jifhem kif id-difensur tal-Kuruna jista' issa jsostni li l-pont tan-nullità kien biss imsemmi f'dik il-kawża, meta hu stess kien qiegħed jinsisti li jiġi deċiż f'dik il-kawża stess, bla ma ssir azzjoni appożita. Biex jinsisti li jiġi deċiż, tabilfors, skond il-bwon sens, il-pont kien qiegħed jiġi formalment sollevat. Fis-sentenza, infatti, jingħad "il-konvenuti rrilevaw li ma hemm ebda raġuni għaliex għandha ssir l-azzjoni mitluba mill-attur, u l-kwistjoni jekk dik il-liġi hijiex valida jew le tista' tiġi deċiża f'dil-istess kawża". Għalfejn id-difensur tal-Kuruna kien qed jitlob li l-pont tan-nullità jiġi deċiż f'dik il-kawża, għalfejn il-Qorti ddirimiet il-kwistjoni dwar jekk il-pont kellux jiġi deċiż f'dik il-kawża jew fuq azzjoni appożita, jekk il-pont kien ġie biss, kif jippretendi issa d-difensur tal-Kuruna, "imsemmi"? Dan apparti l-fatt li kull min jaqra b'lealtà l-kontenut tar-rikors tal-konvenuti f'dik il-kawża, fol. 31, għandu jipperswadi ruħu, bla eżitazzjoni ta' xejn, li fil-fehma ta' l-istess konvenuti nomine, il-pont kien qed jiġi formalment sollevat;

Il-verità hija li l-pont kien ġie sollevat, u li l-validità tal-liġi kienet ġiet "questioned" fis-sens ta' l-art. 39 tal-Letters Patent. Il-kwistjoni jekk kienx espedjenti li l-pont jiġi deċiż f'dik il-kawża stess jew fuq azzjoni appożita kienet biss kwistjoni ta' forma, li bl-ebda mod ma taffetta l-fatt reali li l-validità ta' l-Att XIV ta' l-1950 kienet qiegħda tiġi disputata;

Id-difensur tal-Kuruna ssottometta wkoll illi dak li sar fil-kawża l-oħra ma jgħoddx, għaliex ma jirrikorrux l-estremi

ta' l-identità ta' l-oġġett tal-kawża u tal-persuni, u għax din il-kawża ma tistax titqies ħaġa waħda ma' l-oħra. Dan ir-rilijev hu ta' importanza għall-konvenuti nomine, għaliex, jekk it-terminu ta' sena jibda jgħodd mill-azzjoni preżenti, allura għalaq, u l-konvenuti nomine jirnexxu fil-pont tal-perenzjoni ta' l-azzjoni, li appuntu b'din is-sottomissjoni qegħdin isostnu;

Anki dan il-pont sollevat mill-konvenuti nomine huwa bla bażi. Infatti ma hux il-każ li wieħed jeżiġi l-konkors tar-rekwiżiti tar-"res judicata", u lanqas il-każ li wieħed jara jekk din il-kawża hijiex ħaġa waħda ma' dik ta' qabel, imma hu biżżejjed li wieħed jirrileva illi fuq dina ċ-ċitazzjoni sejjer jiġi deċiż l-istess pont tan-nullità ta' l-Att XIV ta' l-1950, diġà sollevat fil-kawża l-oħra, u li sejjer jiġi deċiż fuq din iċ-ċitazzjoni mhux għaliex ma ġiex diġà sollevat fil-kawża l-oħra, imma għaliex, bħala kwistjoni ta' forma, il-Prim'Awla, fid-deċiżjoni tagħha fuq rikordata tal-5 ta' Ottubru 1951, irriteniet (kliem testwali tagħha) *"illi, għad li din il-kwistjoni tista'* wkoll tiġi diskussa u definita f'dina l-istanza, minħabba d-delikatezza tagħha jidher li jkun aħjar li l-istess kwistjoni tiġi trattata b'azzjoni separata u fuq meritu għaliha, u għalhekk hu l-każ li ssir is-soprasessjoni għad-diskussjoni u d-definizzjoni tad-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni sakemm jiġi deċiż mill-awtorità kompetenti fuq azzjoni li għandu jippromwovi l-attur, fuq il-validità jew le tal-liġi fuq imsemmija". Dan ifisser li, biex il-Prim'Awla tista' tgħaddi 'l-quddiem fuq it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti nomine f'dik il-kawża (l-eċċezzjoni, ċjoè, li l-azzjoni għar-restituzzjoni tad-dazju kienet perenta in bażi għat-tieni artikolu ta' l-Att XIV ta' l-1950), jeħtieġ li tistenna sakemm f'din il-kawża jiġi deċiż il-pont sollevat f'dik il-kawża, tan-nullità ta' l-Att XIV ta' l-1950. Dan iġib illi din il-kawża u l-oħra huma tant strettament konnessi, li l-kawża l-oħra sejra tibqa' "in sospeso" sakemm tiġi deċiża dina, u sakemm jiġi riżolut il-pont sollevat f'dik il-kawża ta' l-ewwel. Vwoldiri, li din il-kawża hija l-"forma" li biha qed jiġi dedott il-pont diġà sollevat fil-kawża l-oħra;

Kien ikun antiġuridiku, jekk mhux immorali, illi, sempliċement għaliex, merament bħala kwistjoni ta' forma, il-

Prim'Awla ddeċidiet li l-pont tan-nullità, għalkemm diskutibili u definibili f'dik il-kawża fejn ġie sollevat, aħjar jiġi dedott b'azzjoni "ad hoc", jiġi aċċettat l-assunt tal-konvenuti nomine li t-terminu għandu jibda jgħaddi mid-data ta' l-azzjoni, u mhux mid-data li fiha l-pont tan-nullità ġie fil-fatt sollevat fil-kawża ta' qabel, biex jiġi dikjarat li l-azzjoni hija perenta — dak li ma kienetx meta l-pont ġie sollevat fil-kawża ta' l-ewwel;

Id-difensur tal-Kuruna ried anki jsostni l-assunt tiegħu billi jgħid li hemm differenza fil-konvenuti mħarrkin fil-kawża waħda u l-oħra. Indipendentement, però, mit-teorija tar-rappreżentanzi ġudizzjarja separata ta' kull dipartiment governatīv, u apparti mid-differenza fil-konvenuti mħarrkin — differenza neċessitata mid-differenza fix-xorta tad-domanda— jibqa' dejjem il-fatt sostanzjali illi din il-kawża hija d-deduzzjoni, fil-forma ordnata mill-Qorti, ta' dak l-istess pont diġà sollevat fil-kawża l-oħra, u li, biex dik tista' timxi, jeħtieġ li jiġi deċiż f'din il-kawża. Jibqa' wkoll illi fiż-żewġ kawżi l-interessata, varjament rappreżentata, hija dejjem il-Kuruna konvenuta;

Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-azzjoni m'hijiex perenta, għaliex il-pont tan-nullità ta' l-Att XIV ta' l-1950 ġie sollevat, għall-finijiet u fis-sens ta' l-art. 39 tal-Letters Patent, fil-11 ta' Novembru 1950 (fol. 30 ta' l-inkartament l-ieħor) appena xahar wara li daħal in vigore dak l-Att, li beda jseħħ fit-18 ta' Ottubru 1950;

Il-Qorti hi wkoll tal-fehma li l-attijiet għandhom jiġu mibgħuta lura lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni fil-meritu, biex ikun hemm il-benefiċċju tad-doppju eżami anki fuq l-ewwel domanda;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara li l-azzjoni dedotta bl-ewwel domanda ma hijiex perenta, u tirrimetti l-inkartament lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni fil-meritu ta' l-ewwel domanda, u, jekk ikun il-każ, tal-kumplament ta' l-istanzi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuti nomine.